**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Frar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 1110/2012 AF**

**Anici Band and Social Club**

**vs**

**Ghaqda Muzikali San Gorg Martri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Anici Band and Social Club li ġie ppreżentat fil-5 ta' Novembru 2012, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-partijiet li huma zewg baned f'Hal Qormi kienu rregolaw il-muzika tal-kazini taghhom permezz ta' kuntratt tad-dsatax ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u disa' u disghin (19/06/1999), in atti Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel [Ara Dok. "A" hawn unit].

Skond l-imsemmi kuntratt il-partijiet kienu obbligaw ruhhom li "jaghtu lil xulxin l-ismijiet tal-marci (flimkien mal-isem originali tal-marc jekk dana ma jkunx wiehed gdid) bil-kompozitur

taghhom li huma jkunu sejrin jinkludu fil-libretti godda ta' marci li l-istess baned johorgu alternattivament kull sentejn. Dan ghandu jsir mill-anqas xahar qabel ma l-Banda taghmel ir-recording tal-istess sett ta' marci. Il-Banda li ma tkunx qeghda tirrikordja dik is-sena jkollha hmistax-il jum sabiex tkun tista' toggezzjona ghal xi marc li jkun sejjer jigi inkluz fl-imsemmi librett il-gdid" [Ara Klawsola 4 tad-Dok. "A"].

Is-socjetà esponenti, li kien imissha taghmel il-librett ta' marci brijuzi gdid, baghtet fis-sitta u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (26/03/2012), u cioè xahar qabel ir-recording relattiv, Avviz permezz ta' ittra registrata AR bil-lista ta' dawk il-marci li kienu ser jinkludu fil-librett il-gdid taghhom [Ara. Dok. "B" hawn unit].

Dina l-ittra registrata waslet ghand is-socjetà intimata fis-sebgha u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (27/03/2012) [Ara Riferta tal-Posta Dok. "C" hawn unit] ghal liema s-socjetà intimata naqset li toggezzjona fi zmien hmistax-il gurnata minn notifika ta' tali Avviz.

Nonostante li s-socjetà intimata kissret il-kuntratt fuq imsemmi daqqet il-marc "Cuore d'Argento" f'almenu zewg okkazzjonijiet, u cioè fil-Festa tar-Rebbiegha u cioè fit-22 ta' April 2012, u fil-Festa ta' San Gorg u cioè fit-23 ta' April 2012. Prova ta dan hemm ir-recordings relattivi.

Skond l-imsemmi kuntratt tad-19 ta' Gunju 1999 il-partijiet kienu wkoll ftehmu illi "fil-kaz li xi wahda miz-zewg baned tikser dan il-ftehim hija tkun obbligata li thallas bhala penali s-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) [ekwivalenti ghal €1,164.69c] liema somma tinghata lill-Banda l-ohra".

Id-dikjarant George Farrugia jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-socjetà intimata naqset li toggezzjona tempestivament ghal xi wiehed mill-marci msemmija fl-Avviz tas-26 ta' Marzu 2012 (Dok. "B" hawn unit) u

ghalhekk is-socjetà esponenti ma ghandha l-ebda dritt iddoqq xi wiehed minn dawk il-marci hemm imsemmija.

2. Tiddikjara li s-socjetà intimata kissret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt meta daqqet il-marc "Cuore d'Argento" tal-Kompozitur Andrew Coleiro, liema marc kien inkluz fl-imsemmi Avviz tas-26 ta' Marzu 2012 u ghalhekk giet li esponiet lilha nnifisha ghall-hlas tal-penali skond il-kuntratt (Dok. "A" hawn unit).

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallasha s-somma ta' €1,164.69c bhala penali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Mejju 2012 kontra s-socjetà ntimata li r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Novembru 2012 fejn gie eccepit illi:

Preliminarjament dina l-kawza ma taqax fil-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tenut kont li l-ammont li qieghed jigi pretiz huwa wiehed determinat u huwa ferm anqas mill-kompetenza taghha u ghalhekk ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza u ghandha tichad it-talbiet kollha kif maghmula u dan bl-ispejjez kontra l-istess socjetà rikorrenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li l-Ghaqda intimata giet notifikata fid-data li hemm indikat fir-rikors guramentat tar-rikorrenti u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li digà nghad, l-Ghaqda Intimata oggezzjonat ghall-lista tal-marci brijuzi godda skond kif hemm stipulat fil-kuntratt citat fir-rikors guramentat.

L-Ghaqda Intimata, dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li nghad precedentement, ottemporat ruhha mal-kuntratt u daqqet marc li huwa proprjetà taghha u dan skond ma hemm stipulat fil-kuntratt citat mir-rikorrenti.

L-Ghaqda Intimata ma ghandhiex tigi kkundannata ebda hlas ta' xi ammont ta' flus ghaliex ma kien hemm ebda ksur tal-kuntratt imsemmi mis-socjetà rikorrenti da parti tal-istess socjetà intimata.

Ghalhekk it-talbiet kollha tas-socjetà rikorrenti ghandhom jigu michuda u dan bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjetà rikorrenti.

Dan kollu b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjetà intimata.

Rat ir-rikors tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri tal-4 ta' Jannar 2013[1] fejn talbet li tiġi awtorizzata tipreżenta kontro-talba ai termini tal-Artikolu 396(a) u (b), u wkoll id-digriet relattiv ta' din il-qorti tat-8 ta' Ottubru 2014[2] fejn tali talba ġiet miċħuda.

Rat id-dokumenti li ġew ippreżentati.

Semgħet lix-xiehda prodotta.

Eżaminat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-banda rikorrenti tas-26 ta' April 2016[3] u eżaminat ukoll in-nota tas-sottomissjonijiet responsiva tal-għaqda intimata tal-21 ta' Ottubru 2016[4].

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti intavolat din il-kawża kontra l-intimata għall-ħlas ta' €1,164.69 talli l-istess intimata kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tad-19 ta' Ġunju 1999 u konsegwentement esponiet lilha nnifisha għall-ħlas ta' penali skont l-istess kuntratt.

Fir-risposta ġuramentata tagħha l-intimata qajmet preliminarjament l-eċċezzjoni in-nuqqas ta' komptenza *ratione valoris* ta' din il-qorti stante li l-ammont pretiż huwa wieħed determinat u ferm inqas mill-kompetenza tagħha u li

[1] Fol 29
[2] Fol 62-63
[3] Fol 145-151
[4] Fol 153-161

konsegwentement m'għandhiex tieħu konjizzjoni tal-mertu u għandha tiċħad it-talbiet kollha bl-ispejjeż.

Il-banda rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħha targumenta fl-ewwel lok illi l-kompetenza *ratione valoris* ma tiddependix fuq talba waħda biss. Taċċenna għall-fatt li l-ewwel żewġ talbiet huma ta' valur indeterminat u targumenta allura li dawn jaqgħu fil-kompetenza ta' din il-qorti. Tirreferi f' dan ir-rigward għad-deċiżjoni mogħtija minn din il-qorti (diversament preseduta[5]) fil-kawża fl-ismijiet "Middle Sea Insurance plc vs The Cargo Handling Co Ltd et" deċiża fil-25 ta' Settembru 2003.

Fit-tieni lok taċċenna għall-fatt illi l-istess intimata talbet li tiġi awtorizzata tippreżenta kontro-talba fuq l-istess talbiet u għall-istess raġunijiet invokati minnha iżda kontra l-istess rikorrenti. Għalkemm din it-talba ġiet miċħuda peress li l-kontro-talba ma saritx mar-risposta ġuramentata, l-attriċi targumenta illi li kieku l-intimata laħqet ippreżentatha mar-risposta ġuramentata kienet tkun qegħda tadixxi dina l-istess qorti għall-istess raġunijiet u bl-istess talbiet li hija (l-attriċi) mexxiet din il-kawża.

Finalment issostni li fi kwalunkwe każ, bl-emenda li seħħet riċentement, din l-eċċezzjoni ħadet xejra differenti. Difatti tispjega illi bis-saħħa ta' emenda li għaddiet fis-sena korrenti (senjatament l-ewwel proviso għall-Artikolu 741(b) tal-Kap 12) anke jekk din il-qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni hija ġustifikata, hija għandha permezz ta' digriet "*in camera*" tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti li hija tikkonsidra kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża.

L-għaqda mużikali intimata fis-sottomissjonijiet responsivi tagħha tispjega li hija qajmet l-inkompetenza ta' din il-qorti *ratione valoris* in vista tal-Artikoli 47 uu 748 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Tgħid illi dawn l-artikoli ġew interpretati u applikati mill-qrati tagħna senjatament minn sentenza li ġiet indikata mill-istess rikorrenti, u cioè: "Middle Sea Insurance plc vs The Cargo Handling Co Ltd et" deċiża fil-25 ta' Settembru 2003. Fil-fatt l-intimata esebit kopja ta' tas-

---

[5] Imħallef JR Micallef

sentenza mogħtija f' din il-kawża (Dok AS1). Hija tiċċita dik il-parti fejn jingħad:

> *"Illi min-naħa l-oħra, l-liġi tgħid li l-valur ta' kawża huwa determinat mit-talba, meta tali talba hija għall-ħlas ta' somma determinata[6]. Il-kriterju tal-valur ta' kawża jistabilixxi quddiem liema qorti għandha titressaq kawża, sakemm il-materja tal-kawża nnifisha ma tkunx waħda li tabilfors trid tinstama' minn Qorti partikolari: bl-artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija llum determinata wkoll il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati."*

Hija ssostni illi għalhekk billi l-ammont mitlub kif dikjarat fit-tielet talba huwa ta' €1,164.69, allura jiġi li din il-qorti m'għandhiex kompetenza.

Tgħid illi ma jreġix l-argument tar-rikorrenti li l-ewwel żewġ talbiet huma ta' valur "*indeterminat*", u invece targumenta li talba tmur ma' oħra u torbot lill-oħra. Taċċenna għall-fatt illi inċidentalment fis-sentenza suċitata, it-talbiet kienu identiċi għal ta' din odjerna fis-sens li l-ewwel hemm talba dikjaratorja ta' responsabbilità, u wara għall-kundanna. Issostni għalhekk li din l-ewwel eċċezzjoni tagħha għandha tintlaqa'.

Dwar l-eccezzjonijiet ta' inkompetenza, din il-Qorti qieset illi fid-data li ġiet intavolata din il-kawża, il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ta' €11,646.87[7].

*47. (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom irresidenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*

Il-pretenzjoni tal-attriċi (kif jirriżulta mit-tielet talba tagħha) hija biss għall-ammont ta' €1,164.69 u għalhekk jidher li l-

---

[6] App. Ċiv. 12.02.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Pauline Mizzi et vs Concetta Key**
[7] Illum il-ġurnata bl-emendi li saru bl-Att IV tal-2016, il-kompetenza żdiedet għal €15,000

kawża kellha tinġieb quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

L-argument tal-attriċi illi l-ewwel u t-tieni talbiet "*huma ta' valur indeterminat*" u li allura jaqgħu fil-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, hija fil-fehma ta' din il-qorti bla bażi. Mhux minnu li l-ewwel żewġ talbiet "*huma ta' valur indeterminat*." F'dawn iż-żewġ talbiet sempliċiment qed jintalab li tiġi dikjarata r-raġuni li abbażi tagħha fit-tielet talba l-attriċi qegħda titlob il-ħlas ta' €1,164.69 da parti tal-intimata in linea ta' penali.

L-argument l-ieħor tal-attriċi illi "li kieku" l-intimata laħqet ippreżentat il-kontro-talba tagħha mar-risposta ġuramentata kienet tadixxi dina l-istess qorti għall-istess raġunijiet u bl-istess talbiet li hija (l-attriċi) mexxiet din il-kawża, huwa kompletament irrilevanti.

Fil-fehma ta' din il-qorti kellha raġun għalhekk l-intimata ssostni li din il-qorti m'għandhiex kompetenza tisma' l-kawża odjerna u għalhekk jirriżulta li din l-ewwel eċċezzjoni tagħha hija fondata u din il-qorti qegħda tilqagħha.

Għandu jitqies però, li kif tajjeb issottomettiet l-attriċi fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha, bl-emendi li saru din is-sena (l-Att IV tal-2016), issa ġie li meta kawża tinġieb quddiem qorti li m'għandhix kompetenza biex tieħu konjizzjoni tagħha, tali qorti għandha tittrasferixxi l-atti tal-proċeduri ta' tali kawża lil dik il-qorti li fil-fatt tkun hekk kompetenti.

Issir riferenza għall-Artikolu 741(b) tal-Kap 12 u l-ewwel proviso tiegħu:

> *"L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –*
>
> *.....*
>
> *(b) meta għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*
>
> *Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in*

*camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:*

*….."*

Ghaldaqstant, abbażi ta' dan il-*proviso* tal-Artikolu 741(b) għalhekk, din il-qorti qegħda tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

IMHALLEF

DEP/REG